

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/715**tal-5 ta' Mejju 2022****li tagħti deroga li tippermetti lill-Ungerija tuża mezzi għall-iskambju u l-ħażna ta' informazzjoni għas-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni 2 għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-*data* fir-rigward ta' merkanzija f'kunsinni postali***(notifikata bid-dokument C(2022) 2765)***(It-test bl-Ungeriż biss huwa awtentiku)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(4) flimkien mal-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

Billi:

- (1) L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 jirrikjedi li l-iskambji kollha ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet doganali, u l-ħażna ta' tali informazzjoni, kif meħtieġ skont il-leġiżlazzjoni doganali, isiru bl-użu ta' tekniki elettroniċi tal-ipproċessar tad-*data*.
- (2) L-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 jipprevedi l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet f'każijiet eċċezzjonali biex Stat Membru wieħed jew aktar ikunu jistgħu jidderogaw mill-użu ta' tekniki elettroniċi tal-ipproċessar tad-*data* għall-iskambju u l-ħażna ta' informazzjoni, jekk tali deroga tkun ġustifikata mis-sitwazzjoni speċifika tal-Istat Membru rikjedenti u tingħata għal perjodu speċifiku ta' żmien.
- (3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2151 ⁽²⁾ tistabbilixxi l-programm ta' ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ("il-programm ta' ħidma"). Il-programm ta' ħidma jelenka s-sistemi elettroniċi li għandhom jiġu żviluppatti u d-dati li fihom daww is-sistemi huma mistennija li jsiru operattivi. Il-programm ta' ħidma jispeċifika l-implimentazzjoni u d-dati tat-tnedija tas-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni 2 ("ICS2") f'konformità mal-Artikoli 6(1), 16, 46, 47 u 127 sa 132 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.
- (4) F'konformità mal-programm ta' ħidma, l-Istati Membri kellhom ikunu lesti sal-15 ta' Marzu 2021 biex jużaw ir-rilaxx 1 tal-ICS2 sabiex jiġbru d-dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul mingħand l-operaturi postali u t-trasportaturi express għall-merkanzija ttrasportata bl-ajru, u kellhom jagħtu lill-operaturi ekonomiċi l-possibiltà li jaqdbu mas-sistema u jdaħħlu dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul billi jużaw dik is-sistema sal-1 ta' Ottubru 2021.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u l-punt (c) tal-Artikolu 183(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ⁽³⁾, mill-1 ta' Ottubru 2021 l-operaturi postali stabbiliti fl-Unjoni jridu jdaħħlu dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul u jipprovdu d-*data* meħtieġa lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri kkonċernati bl-użu tal-ICS2.

⁽¹⁾ ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2151 tat-13 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-programm ta' ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 168).⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

- (6) Madankollu, l-operatur postali fl-Ungerija għadu mhux teknikament lest biex jikkonforma ma' daww ir-rekwiżiti. Minħabba ċirkostanza eċċezzjonali kkawżata min-nuqqas ta' kapaċità tal-kuntrattur magħżul li jiżviluppa s-soluzzjoni elettronika meħtieġa, l-operatur postali Ungeriż ma setax jistabbilixxi konnessjoni mal-ICS2 sal-iskadenza tal-1 ta' Ottubru 2021. L-operatur postali ddeċieda li juża kuntrattur ieħor biex jiżviluppa l-konnessjoni u x-xogħol tekniku għadu għaddej. Konsegwentement, l-operatur postali għadu ma jistax jikkomunika d-*data* tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul lis-sistema bl-użu ta' tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-*data*.
- (7) Iċ-ċirkostanza eċċezzjonali li kkawżat in-nuqqas ta' tħejjija teknika tal-operatur postali Ungeriż tiġġustifika t-talba biex tinkiseb deroga f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 mressqa mill-awtorità doganali tal-Ungerija fil-21 ta' Diċembru 2021. Għalhekk, jenħtieġ li tali deroga tippermetti temporanjament lill-Ungerija li tuża mezzi oħra għajr għat-tekniki elettroniċi tal-ipproċessar tad-*data* għall-iskambju u l-ħażna tal-informazzjoni fir-rigward tal-merkanzija f'kunsinni postali li għalihom dak l-operatur postali huwa obligat idaħħal dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul.
- (8) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-awtorità doganali tal-Ungerija għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bil-konnessjoni tal-operatur postali deżinjat tagħha mal-ICS2.
- (9) Id-durata tad-deroga jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-istat ta' żvilupp tas-sistema postali nazzjonali li tippermetti l-komunikazzjoni elettronika tad-*data* tal-ICS2 għall-kunsinni postali lill-amministrazzjoni doganali u l-iskeda ta' żmien għat-tlestija tagħha.
- (10) Peress li l-obbligu li d-*data* tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul tiġi ppreżentata elettronicament għall-kunsinni postali kollha daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2021, jenħtieġ għalhekk li din id-Deċiżjoni tapplika minn dik id-*data*,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, l-awtorità doganali tal-Ungerija għandha tippermetti lill-operatur postali nazzjonali tagħha jippreżenta dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul għall-merkanzija f'kunsinni postali billi juża mezzi għall-iskambju u l-ħażna ta' informazzjoni għajr għal tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-*data* sakemm l-operatur postali nazzjonali jistabbilixxi l-konnessjoni mas-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni 2 ("ICS2") jew sat-30 ta' April 2022, skont liema data tiġi l-ewwel.

Artikolu 2

L-awtorità doganali tal-Ungerija għandha tinnotifika lill-Kummissjoni fi żmien xahar mid-*data* tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni bil-konnessjoni mal-ICS2 tal-operatur postali nazzjonali tagħha biex jipprovdi d-*data* tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għall-merkanzija f'kunsinni postali lill-awtorità doganali.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.

Għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 2021 sat-30 ta' April 2022.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
Paolo GENTILONI
Membru tal-Kummissjoni